MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Numru 16/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Paul Bonnici

Il-Qorti,

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 16 tas-sena 2003, kontra l-akkuzat Paul Bonnici, li bih huwa gie akkuzat talli :**

**1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-13 (tlettax) ta' Mejju, tas-sena elfejn (2000) ghal habta tal-ghaxra w hamsin minuta (10.50 a.m.) ta' filghodu Paul Bonnici kien fi Triq Santa Marija, Hal-Ghaxaq meta gie avvicinat minn Joseph u Carmela Dalli li maghhom l-istess Paul Bonnici kellu xi disgwid, f'mument minnhom Paul Bonnici qabad senter u dolozament bil-hsieb li joqtol lil Joseph u Carmela Dalli jew li jqeghedilhom il-hajja taghhom f'periklu car, sparalhom u kkagunalhom il-mewt.**

**Wara dan assigura ruhhu li qatilhom billi rega' sparalhom.**

**Illi b'ghemilu l-imsemmi Paul Bonnici sar hati t'omicidju volontarju w cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuni jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car, ikkagunalhom il-mewt.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Paul Bonnici hati t'omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuni jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car, ikkagunalhom l-mewt; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru skond dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 211(l)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fit-tlettax (13) ta' Mejju, tal-elfejn (2000) ghall-habta tal-10.50 a.m. Paul Bonnici spara u qatel lil Joseph u Carmela Dalli b'senter tal-marka Theate Freres li jgib in-numru 1431 f'Hal-Ghaxaq. Illi wara l-isparatura huwa baqa' sejjer jinforma lill-Pulizija b'dak li kien ghamel.**

**Illi b'ghemilu l-imsemmi Paul Bonnici sar hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar u arma regolari u dan ghal ebda ghan legittimu.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Paul Bonnici hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar u arma regolari; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 26(a), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) u fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali**

**jew ghall-kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

**Rat ir-rikors tal-Avukat Generali w tal-akkuzat ipprezentat seduta stante llum fejn, wara li ppremettew li ai termini tal-Artikolu 453A(1)(2) tal-Kodici Kriminali, kienu qablu li, wara li hadu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fl-eventwalita' ta' ammissjoni tal-akkuzat ghall-akkuzi dedotti fl-Att ta' l-Akkuza, l-piena li ghandha tinghata minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun dik ta' wiehed u tlettin (31) sena prigunerija apparti kull sanzjoni w konsegwenza ohra li hija mandatorja f'kaz ta' sejbien ta' htija, talbu li din il-Qorti taghti l-piena fuq imsemmija.**

**Rat id-digriet taghha tal-lum stess fejn iddikjarat li hija tkun lesta li tilqa' t-talba f'kaz ta' ammissjoni u rrizervat li tipprovdi definitivament fis-sentenza eventwali.**

**Rat illi waqt is-seduta tal-lum, wara li l-Qorti spjegatlu bi kliem car x'inhuma l-konsegwenzi tat-talba tieghu, l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;**

**Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li hu kien hati;**

**Tiddikjara ghalhekk lil Paul Bonnici, hati talli fit-13 ta' Mejju tas-sena 2000 ghall-habta tal-10.50 a.m., fi Triq Santa Marija, Hal-Ghaxaq, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Joseph u Carmela Dalli jew li jqeghedilhom il-**

**hajja taghhom f'periklu car, sparalhom u kkagunalhom l-mewt u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Tiddikjara wkoll lil Paul Bonnici, hati talli fit-13 ta' Mejju tal-2000, ghall-habta tal-10.50 a.m., fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar u arma regolari, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Rat il-verbal tal-lum li bih Dr. M. Scriha ghall-parte civile li kien qed jirrapprezenta l-interessi tal-vittmi iddikjara li kien qed jirrimmetti ruhu ghall-piena mitluba mill-Prosekuzzjoni w id-difiza;**

**Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-eta' pjuttost avvanzata tal-akkuzat u l-fedina penali aggornata korretta tieghu li minnha ma jidhirx li kien hati ta' ksur serju tal-ligi qabel dan il-kaz, hlief ghal xi kontravenzjonijiet tat-traffiku u pussess t'arma bla licenzja li jirrizalu ghal iktar minn tletin sena ilu u, peress illi hija sodisfatta li s-sanzjoni jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba mill-Prosekuzzjoni w l-akkuzat kif mitlub fir-rikors kongunt taghhom huma tali li hu legittimu li hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija w li lanqas ghandha ghaliex tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz ghal xi raguni ohra skond il-ligi, kif ukoll illi l-Avukat tal-parte civile li kien qed jidher ghall-interessi tal-vittmi ddikjara li kien qed jirrimmetti ruhu ghall-piena mitluba mill-Avukat Generali w mill-hati;**

**Tiddeciedi ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17(b), 23, 211(l)(2), 453A, 492(1) u 533 tal-Kodici Kriminali w l-Artikoli 19 u 26(a) tal-Kap. 66, tikkundanna lill-hati Paul Bonnici ghall-piena ta' wiehed u tletin (31) sena prigunerija kif ukoll li jhallas is-somma ta' elf tmin mija w erbatax liri Maltin u disgha w hamsin centezmi (LM 1814.59), spejjez peritali inkorsi tul dan il-process u tordna l-konfiska**

**favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w li jinsabu esebiti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------